# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru. 2633

**Kaz Nru. 3580/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**
**bejn**
**George Ebejer (ID 528078M)**
**u**
**City Sightseeing Malta Ltd.**
**(C 73687).**

***(dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).***

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti George Ebejer, li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fit-2 ta' Awissu, 2017. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-rikorrenti kien assistit mill-Avv. Stephanie Abela u ghas-socjeta ntimata dehru l-Avv. Shaheryar Ghaznavi li kien assistit mill-Avv. Helen Caruana.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti jghid, li kien impjegat fil-pozizzjoni ta' driver fuq bazi ta' kuntratt indefenit u dan kien b'sehh mill-1 ta' Jannar, 2016. Huwa jghid ukoll, li l-impieg tieghu gie tterminat fit-12 ta' April, 2017 u l-paga tieghu kienet ta' €910 fix-xahar.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid ukoll li fil-11 ta' April, 2017 waqt il-qadi ta' dmirijietu bhala driver, huwa nnota li l-vettura li nghata sabiex jaghmel r-rotta dakinhar kienet difettuza u kieku nstaqet huwa seta holoq incident lill-passigiera, pedestrians u lilu nnifsu u ghalhekk irrifjuta li jsuq ir-rotta li kien hemm dik il-gurnata sakemm ma jinghatax vettura ohra, jew inkella sakemm isiru t-tiswijiet necessarji halli l-vettura ma tkunx ta' periklu.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll li fit-12 ta' April, 2017 is-socjeta ntimata keccietu minn fuq il-post tax-xoghol u din it-tkeccija saret minghajr huwa ma nghata l-opportunita li jiddefendi l-pozizzjoni tieghu. Huwa jghid ukoll, li s-socjeta ghamlet dikjarazzjoni mal-Jobplus li ma kienitx korretta ghar-raguni, li gie ddikkjarat li rrezenja mill-impieg minflok li kien tkecca mill-impieg.**

**Huwa jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jitlob lit-Tribunal Industrijali biex jiddikjara, li t-terminazzjoni tal-impieg kienet minghajr kawza gusta kif ukoll, li jillikwida favur tieghu somma xierqa u**

**adekwata bhala kumpens skond il-ligi ai termini ta' l-Artiklolu 81 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghas-socjeta ntimata fl'istqarrija tal-kaz taghha qalet, li tichad l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti u tghid ukoll, li primarjament mhux minnu li r-rikorrenti tkecca biss minhabba r-raguni moghtija fir-rikors odjern izda, kien hemm diversi ragunijiet li jiggustifikaw it-tkeccija tieghu. Hija tghid ukoll, li kuntrarjament ghal dak li qieghed jigi allegat fir-rikors odjern, kien hemm diversi ncidenti li wasslu ghat-tkeccija tieghu minn fuq il-post tax-xoghol u matul il-process tal-kaz se jitressqu xhieda biex jigi ppruvat il-kaz.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrenti qieghed jesagera meta jsostni li nhar il-11 ta' April, 2017 il-vettura li huwa nghata biex isuq kienet difettuza u li setghet tkun ta' periklu u naqas milli jindika fir-rikors x'kienu dawn id-difetti. Is-socjeta tghid ukoll, li jrid jinghad li meta dak in-nhar ta' l-incident ir-rikorrenti rrifjuta li jsuq il-vettura din giet misjuqa minn persuna ohra u dan sar minghajr ebda problemi.**

**Is-socjeta tghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz taghha, li fl-istess zmien ta' l-incident il-vettura nkwistjoni kienet tinstaq minn xufiera ohra tal-kumpanija u dawn qatt ma ressqu l-ebda llment.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti kienet gusta u valida skond il-ligi u dan peress li s-socjeta kellha ragunijet sufficjenti u gravi sabiex tittermina l-impjieg tar-rikorrent fosthom; ghaliex huwa ma kienx iwettaq xogholu kif suppost u bl-agir tieghu kien qieghed igerrex lit-turisti u ghaldaqstant ikkawza danni lis-socjeta.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid ukoll, li l-imgieba u l-performance tar-rikorrent ma kienitx wahda tajba u gie mmwissi diversi drabi bil-fomm u huwa qatt ma ha dawn it-twissijiet bis-serjeta tant, li kien jibqa ghaddej bl-agir tieghu u ma hax hsieb ibiddel l-attitudni tieghu.**

**Is-socjeta ghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li kien hemm ragunijiet li r-rikorrenti gie mkecci u d-dikjarazzjoni li huwa rrezenja kien zball genwin li sar mis-socjeta.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrenti kien impjegat bhala driver mas-socjeta mill-1 ta' Jannar, 2016. Mill-provi jirrizulta wkoll li s-socjeta tghid, li matul il-perjodu ta' l-impieg hija wissiet lir-rikorrenti rigward, li waqt il-qaghdi ta' dmirijietu hu kien jilbes maskra, kien juza suffara kif ukoll kien jiehu t-tifel tieghu zghir fuq il-post tax-xoghol li f'dan il-kaz waqt li kien isuq il-vettura.**

**Dwar dan imsemmi hawn fuq ir-rikorrenti jghid, li huwa kien single parent u meta telqietu l-mara tieghu huwa kien mar ghand id-dirigenti tal-kumpanija fejn infurmahhom, li sakemm jissetilja t-tifel kellu jigi skuzat mix-xoghol fejn anke talab unpaid leave, pero d-diregenti tal-kumpanija tawh permess li jiehu t-tifel fuq il-post tax-xoghol infatti kienu tawh l-ahhar rotta.**

**Dwar il-maskra r-rikorrenti jghid, li dan kien f'Jannar fejn kien hemm il-hgiega ta' quddiem tal-vettura mkissra u ma kienx jilbes maskra imma kien jghatti mnifsejh biex jigi protett mill-exhaust.**

**Rigward is-suffara r-rikorrenti jghid, li huwa kien dilettant tas-suffara u ma kienx juzahha waqt li kien ikun ghaddej kummentarju jew waqt li jkun qed isuq izda meta kien ikun wieqaf.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li kif jghid ir-rikorrenti l-kaz li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg kien, meta r-rikorrent dahal ghax-xoghol u mar jiccekkja t-trakk u sab li l-vettura li kien isuq kellha nuqqas ta' dawl li kien ilu hekk mill-gurnata ta' qabel u sab li kien ghadu ma giex irrangat. Huwa jghid ukoll, li rrifjuta li jsuq din il-vettura u wara li gie wiehed mid-dirigenti tal-kumpanija dan infurmah, li jekk ma jsuqx il-vettura l-impieg tieghu kien qed jigi tterminat b'modd immedjat kif fil-fatt sar.**

**Minn naha tas-socjeta tinnega l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u tghid, li l-vettura kienet tajba biex din tinstaq u li ma kien hemm l-ebda problema. Is-socjeta tghid ukoll, li peress li diga kien hemm problemi ohra dwar l-imgieba tar-rikorrent kif ukoll, li kien qed jirrifjuta li jsuq vettura li ma kellha l-ebda problema bil-konsegwenza, li kien se jkun hemm problema mal-klijenti ma kellha l-ebda triq ohra ghajr li tiehu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu u tittermina l-impieg tieghu.**

**It-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijiet tieghu dwar dan il-kaz inkwestjoni jikkunsidra, l-kaz li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ghar-raguni, li dan huwa l-punt krucjali li waslet ghal din il-kwestjoni tax-xoghol.**

**Meta dan it-Tribunal Industrijali jezamina l-provi jsib, li kien hemm oggezzjoni minn naha tar-rikorrent biex isuq il-vettura ghar-raguni li kif jghid hu, ma kienitx f'kundizzjoni tajba bizzejjed li din tinstaq. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-management jghid li l-vettura kienet tajba biex tinstaq u peress li r-rikorrent irrifjuta li jsuq il-vettura gie mkecci mill-impieg tieghu b'modd immedjat.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet huwa tal-fehma, li jekk il-management kien tal-fehma u kellu l-provi li l-vettura kienet tajba biex tinstaq, huwa setgha jissuggetta lir-rikorrent ghall passi**

**dixxiplinarji pero l-management kien obligat, li qabel ma jiehu l-mizura ta' dixxiplina huwa kellu jiskatta process ta' dixxiplina biex jghati l-opportunita lir-rikorrent li b'mod xieraq jiddefendi l-akkuzi li jkunu qed isiru fil-konfront tieghu.**

**F'diversi okkazzjonijiet, dan it-Tribunal Industrijali kemm il-darba sahaq, li meta jkun hemm kaz ta' dixxipllina fil-konfront ta' l-impjegat u jkun jirrikjedi li jittiehdu passi dixxiplinarji, f'dan il-kaz is-sid setgha jissospendi mix-xoghol lir-rikorrenti u jinfurmah bil-miktub x'kienu in-nuqqassijiet tieghu, biex b'hekk jaghtih l-opportunita li jiddefendi l-alleggazzjonijiet li jkunu qed isiru fil-konfront tieghu u l-haddiem ikun f'qaghda li jiddefendi l-kaz tieghu. Il-haddiem ghandu wkoll jigi moghti l-opportunita li jiddefendi l-kaz tieghu, anke jekk ikun irid li jkollu l-assistenza ta' persuna ta' l-ghazla tieghu.**

**Mill-provi li gew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li fl-ebda stadju l-principal ma ta' l-opportunita lir-rikorrent li b'modd xieraq jiddefendi l-kaz tieghu.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isisb u jasal ghal konkluzzjoni, li r-rikorrent ma giex moghti l-**

**opportunita li b'modd xieraq jiddefendi l-kaz tieghu u ghaldaqstant dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ingusta u saret bi ksur tal-ligi.**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi ukoll, li r-rikorrenti ghandhu jithallas kumpens minghand City Sightseeing Malta Ltd (C 73687) ta' €850 (tmien mija u hamsin euro) liema kumpens ghandu jithallas fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman** **Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Illum : 28 ta' Novembru, 2019**